MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Avviz Numru. 14/2003

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet, prevja dikjarazzjoni ta’ responsabbilta’, likwidazzjoni u hlas ta’ danni minhabba l-hsarat kagunati fil-vettura tas-socjeta attrici tal-marka Mitsubishi Pajero numru GAC 634 li kienet involuta f’incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta’ Jannar 2003 fi Triq Sant’Ursula, Rabat, Ghawdex kantuniera ma’ Triq Ghedrin, Rabat, Ghawdex mal-vettura tal-marka Hyundai numru JBB 363 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema incident is-socjeta attrici tippretendi li huwa unikament responsabbli l-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Frar 2003 u dik ufficjali ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta’ ghall-incident

u eccepixxa li l-incident gara tort u htija tas-sewwieq tal-Mitsubishi Pajero bin-numru GAC 634 li hareg minn fuq Stop Sign.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2007 li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Jannar 2003 fi Triq Sant'Ursola, Rabat, Ghawdex bejn vettura Hyundai (JBB 363) misjuqa mill-konvenut u vettura Mitsubishi Pajero (GAC 634) misjuqa minn Joseph Agius. Il-konvenut kien ghaddej minn Triq Sant'Ursola filwaqt li Joseph Agius hareg minn triq sekondarja (Triq Ghedrin).

2. Permezz ta' sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Eugenio Portelli et vs Joseph Agius** (Avviz numru:- 11/2003) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, il-Qorti ddikjarat li r-responsabbilta' ghall-incident meritu ta' dan il-kaz hija tal-konvenut Jason Portelli in kwantu ghal kwart (1/4) mill-htija filwaqt li Joseph Agius huwa responsabbli ghall-tlett kwarti (3/4).

3. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet minnha traccjati fid-decizjoni taghha fil-kawza l-ohra u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghal din il-kawza wkoll.

4. Fir-rigward tad-danni reklamati m'hemmx kontestazzjoni tant li dan gie verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2007. Mill-atti jirrizulta li d-danni reklamati mis-socjeta attrici ghad-danni kkawzati fuq il-vettura Mitsubishi Pajero (GAC 634) huwa fl-ammont ta' elf disgha mija u erbgha u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm1,954.46).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut Jason Portelli limitatament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza fi proporzjon ta' kwart (1/4), u ghalhekk qeghda tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm488.61).

Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) a karigu tas-socjeta attrici u kwart (1/4) a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------